**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Rikors nru: 166/2016 CFF**

**Boatcare Trading Limited**

**vs**

**Avv. Benjamin Valenzia nominat bhala Kuratur Deputat tas-Sailing Yacht bl-isem 'Wandu' (numru internazzjonali IY 4414; numru ta' registrazzjoni 5BA 29-D) wara d-digriet tat-8 ta' Gunju, 2016.**

**Illum 14 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmint elef u tliet mija u ghoxrin Ewro u tmien centezmi (€8,320.08) jew somma ohra verjuri kkalkolata sal-jum li l-istess bastiment jigi zgumbrat mill-marina, rapprezentanti l-prezz minnu dovut ghal drittijiet ta' ormegg u provvista ta' dawl u ilma provduti mir-rikorrenti fuq inkarigu tieghu stess.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi dekoribbli mid-dati tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat kawtelatroju tat-8 ta' Gunju, 2016.

Huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi Kenneth Azzopardi xehed fil-11 t'Ottubru, 2016 fejn qal illi huwa direttur tas-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici talbet ghal €8,320.08 ghal berthing fees facility gewwa Portomaso liema somma ghadha dovuta kollha.

Rat **ir-risposta ta' Dr. Benjamin Valenzia** bhala kuratur deputat tas-sailing yacht bl-isem 'Wandu' fejn espona:

1. In linea preliminari l-esponent m'huwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk minn issa qed jirrizerva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

2. Illi l-esponent kellu jinhatar bhala kuratur tas-sidien mhux maghrufa tas-sailing yacht in kwistjoni u mhux kuratur tal-istess sailing yacht, u ghalhekk qed tigi eccepita n-nullita' tal-avviz in kwistjoni.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha tindika l-ahhar indirizz maghruf tas-sidien tal-yacht 'Wandu'.

4. Trid issir il-prova tal-ammont dovut u barra minn hekk tali ammont dovut m'ghandu qatt jeccedi l-kompetenza ta' din il-Qorti.

Illi Kenneth Azzopardi kkonferma li l-ammont dovut huwa ta' wiehed u ghoxrin elf, tliet mija u erbghin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€21,340.24).

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2017 il-konvenut debitament notifikat u msejjah tliet darbiet ma deherx u lanqas ipprezenta r-risposta.

Rat in-nota ta' Dr. Benjamin Valenzia bhala kuratur deputat ta' Wandu Yacht li permezz taghha huwa ikkonferma li prova jikkorispondi ma' sid il-yacht imsemmi, u ma rcieva l-ebda risposta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ikkunsidrat:

Illi Kenneth Azzopardi xehed bil-gurament fis-seduta tal-21 ta' Frar 2017 meta huwa tenna bil-gurament li l-bastiment in kwistjoni hu dovut illum is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf tliet mija u erbghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€21,340.24), u ghalhekk is-socjeta' attrici rnexxielha tipprova t-talba taghha.

Illi t-talba skond ir-rikors tas-socjeta' attrici kienet ta' tmint elef u tliet mija u ghoxrin Ewro u tmien centezmu (€8320.08) izda gie ikkonfermat bil-gurament li l-ammont kollu dovut mill-bastiment konvenut illum il-gurnata huwa wiehed u ghoxrin elf tliet mija u erbghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€21,340.24).

Madanakollu l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjjiet ta' Malta, jesprimi s-segwenti:

*47. (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.*

*(2) Dik il-qorti tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha.*

*(3) Iżda l-kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżiji et jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba.*

Ghalhekk il-Qorti ma tistax tiddeciedi u tilqa' talbiet li jiskorru l-hmistax-il elf Ewro (€15,000).

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici in kwnatu tikkundanna lill-bastiment konvenut bl-isem 'Wandu' (Numru Internazzjonali IY 4414; numru ta' registrazzjoni 5BA 29-D) jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv, kif ukoll bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat kawtelatorju datat 8 ta' Gunju 2016, filwaqt li l-kuratur deputat jithallas skond il-ligi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**